**PARROĊĊA MARIJA BAMBINA – XAGHRA – GĦAWDEX**

# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 28 ta' Mejju 2017

Solennità ta' Tlugħ il-Mulej fis-Sema

Sena A

## Introduzzjoni

Illum il-Knisja tiċċelebra s-solennità ta' tlugħ il-Mulej fis-sema, fejn tiġi fi tmiemha l-missjoni fid-dinja tal-Mulej Ġesù. Ġesù ġie fid-dinja sabiex ifittex lill-bniedem imsejken, joħorġu mill-qabar tiegħu, u jagħtih ħajja ġdida. Din hi l-vera mħabba ta' Alla lejna.

Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Atti 1, 1-11)

Dak li kellu jagħmel Kristu seħħ fil-milja tiegħu. Ir-rebħa kbira ta' Kristu kienet li hu kiseb għal kull bniedem l-Ispirtu Qaddis ta' Alla missieru.

Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 46)

Tela' Alla b'għajat ta' ferħ

*jew*

Hallelujah, hallelujah, hallelujah

**It-Tieni Qari** (Ef 1, 17-23)

Kristu hu r-ras tal-Knisja u kollox qiegħed taħt riġlejh.

Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 28, 16-20)

Qabel ma Kristu infired minn mal-appostli tiegħu u tela' s-sema, hu tahom missjoni speċjali li jmorru fid-dinja u jxandru lil kulħadd il-Kelma tiegħU.

Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

## Offertorju

It-tlugħ ta' sidna Ġesù fis-sema jqanqalna sabiex inroddu ħajr lil Alla tagħna għad-don ta' ibnu l-għażiż.

Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

## Tqarbin

Min jgħix fi Kristu u jxandar il-Kelma tiegħu jkun qed iwieġeb għas-sejħa li Hu għamel qabel ma tela' fis-sema. Is-saħħa biex nagħmlu dan kollu nirċevuha mill-Ewkaristija.

Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.